MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2009

Numru. 361/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**JOSEPH CAMILLERI ta' 61 sena, bin Vincent u Josephine nee' Deguara, imwieled Naxxar fil-21 ta' Ottubru 1947, residenti f' Orchid, 46, Triq tal-Labour, Naxxar u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 957847(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Joseph Camilleri akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Jannar 2007 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew

maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’xi mod li jkun xjentement, ghen jew assistat lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti illi bihom dawn ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe’ certifikat tal-VRT foloz;

Kif ukoll talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi  u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn minhabba l-kariga jew l-impieg taghhom, kienu fid-dmir li jaghmlu jew jaghtu dikjarazzjoni jew certifikat, u ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, u cioe’ certifikati tal-VRT foloz;

U aktar talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, u cioe’ certifikati tal-VRT foloz.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tat-23 ta’ April 2008, sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat li irrenda ruhu komplici fir-reat tal-falsifikazzjoni ta’ certifikati tal-VRT. Mill-provi li ingiebu mill-prosekuzzjoni irrizulta illi kien hemm zewg certfikati tal-VRT illi inhargu, meta il-vetturi rispettivi qatt ma gew ipprezentati sabiex isirulhom it-testijiet necessarji ghal hrug ta’l-imsemmi certifikat. Certifikat tal-VRT jinhareg wara li ikunu saru il-verifiki necessarji fuq vettura illi dina hija “road worthy”. Irrizulta ampjament ippruvat mill-provi illi dawn ic-certifikati inharrgu minghajr ma saru d-debiti verifiki fuq l-istess vetturi u ghalhekk l-istess certifikati jikkontjenu dikjarazzjonijiet foloz. Dana johrog car mix-xhieda ta’ Mario Demanuele li jammetti li kien huwa stess li mela dawn ic-certifikat wara li gie moghti struzzjonijiet sabiex jaghmel dana minn sid il-garaxx fejn huwa impjegat bl-isem ta’ Motor Services Limited gewwa Hal Luqa, certu Anna Maria Busietta (ara xhieda a fol.70). Fil-fatt jikkonferma illi kemm id-Dokuemnt SC1 u cioe certifikat tal-vettura tal-ghamla Land Rover bin-numru ta’ registrazzjoni LAW657, kif ukoll id-Dokument SC2 u cioe’ certfiikat tal-vettura tal-ghamla Bedford Truck bin-numru ta’ registrazzjoni DAF 476, kienu maghmula minnu, minghajr ma lanqas biss kien ra l-vetturi in kwistjoni.

Mill-provi migjuba mill-prosekuzzjoni, irrizulta illi il-vettura tal-ghamla Land Rover bin-numru LAW657, kienet tappartjeni lil Carol Camilleri u zewgha Osama Mohammed Bin Milud. Fil-fatt jirriuzlta illi kienu anke ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta’ dawn in-nies li illum ghaddew in gudikat (ara sentenza Dokument AG3 a fol.21). Dawn jixhdu illi l-vettura taghhom ma kenitx ghaddiet mit-test tal-VRT u ghalhekk ma setatx tinsaq fit-triq. Illi bl-ghajnuna ta’ Bartolomew Agius, fil-fatt huma irnexxielhom jottjenu certifikat minghajr ma tellghu il-vettura ghal dana it-test. Osama Bin Milud ighid illi huwa kien ghadda il-log book lil Agius u Lm30 imbaghad wara Agius gablu ic-certifikat. Kif ghamel Agius sabiex ottjena dana ic-certifikat, Milud ighid li ma jafx. Min-naha tieghu Bartolomew Agius fix-xhieda tieghu ighid illi huwa irnexxielu jaghmel dana billi ghadda dana il-log book, kif ukoll il-log book tal-vettura tieghu stess lill-imputat flimkien mal-flus. Anke fil-konfornt ta’ dan Agius ittiehdu proceduri kriminali illi illum ghaddew in gudikat (Dokument AG4 a

fol.25). Fil-fatt mill-provi kollha li instemghu mill-Qorti, huwa biss dana ix-xhud u cioe' Bartolomeo Agius li jipponta subajgh lejn l-imputat. Ix-xhieda l-ohra kollha isostnu li lill-imputat ma jafuhx. Agius ighid illi wara li ghadda il-log books tal-vetturi lill-imputat flimkien mal-flus, xi jiem wara l-imputat gablu c-certifikati. Jikkonferma illi huwa qatt ma ha it-truck tieghu sabiex jarah l-imputat. Agius ighid testwalment: ***"Jiena kont naf li Joseph Camilleri seta' ighinu lil dana l-Gharbi peress illi jiena kelli truck u kien jaghmel l-istess haga mieghi. Nghid li t-truck tieghi dejjem kont inhallih il-Maghtab, allura Joe Camilleri kien jaf x'posizzjoni kien u li kien ghadu tajjeb pero jiena qatt ma hadtulu t-truck lil dana Joseph Camilleri. Nghid illi jiena kont naghtih il-log book u l-flus, imbaghad huwa kien ighaddili c-certfikat tal-VRT … Meta nghid ghaddihuli, infisser illi jiena kien gabli c-certifikat Joe Camilleri, minghajr ma jiena tellghajtu ghat-test."*** Agius fl-ahhar parti tax-xhieda tieghu isostni: "***Nghid illi dak in-nhar stess filghaxija illi ghaddejt ic-certifikat lill-Gharbi, huwa kien cempilli u qalli li siehbu kien irrapurtah pero' ma qallix siehbu min hu u qalli wkoll illi jrid iregga kollox lura u jaghti c-certifikat lura. Pero' jiena c-certifikat lura lil Joseph Camilleri qatt ma tajtulu."*** Illi fil-kamp penali illum hija dottrina stabbilita illi ma hemmx bzonn illi dak li ighid xhud li ikun komplici f'delitt jigi korroborat minn xhieda ohra, stante illi jekk emnut dina wahidha hija bizzejjed ghas-sejbien ta' htija. Illi l-Qorti ma tara l-ebda raguni 'il ghala ix-xhieda ta' Agius ghandha tigi skarata jew mhux emmnuta. L-imputat ma iressaq l-ebda prova sabiex jikkontradixxi l-istess. Anke fl-istqarrija tieghu esebita fl-atti tal-kawza, huwa ghazel li ma jwegibx ghall-mistosqsijiet illi sarulu. Di piu' x-xhieda ta' Agius hija korroborata mix-xhieda ta' Milud u martu. Illi inoltre x-xhieda ta' Agius hija xhieda veritjiera u ghalhekk ghandha tigi emmnuta.

Illi l-ligi taghna titkellem fuq il-komplicita fid-delitti fl-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali fejn telenka ic-cirkostanzi kollha fejn persuna tista' tisejjah komplici f'reat fejn fost ohrajn fis-subinciz (d) jinghad illi persuna titqies komplici f'delitt jekk hija ***"ghad li ma tkunx wahda mill-persuni imsemmija fil-paragrafi (a),(b) u (c), b'xi mod li jkun,***

***xjentement, tkun ghenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat."*** Illi qabl xejn gie ippruvat minghajr dubbju illi ic-certifikati mertu ta' dina l-kawza kienu foloz. Jidher ukoll mill-provi prodotti illi kien l-imputat li kien qieghed ighaddi dawn c-certifikati tal-VRT meta jintalab jaghmel dana minn Agius meta kien ben konsapevoli illi l-vetturi ma kenux qed jittellghu ghat-test. Illi madanakollu ma giex stabbilit in-ness bejn l-awtur ta' dana ir-reat u l-imputat bhala il-komplici fl-istess. Dana qed jinghad ghaliex kemm Demanuele kif ukoll Busietta, sid il-garaxx, it-tnjen isostnu illi lill-imputat huma ma jafuhx. Il-Qorti madanakollu ma temminx dina l-affermazzjoni ta' dawn ix-xhieda. Dana qed jinghad ghaliex huwa ippruvat illi l-imputat kien il-persuna illi kien ghadda dawn ic-certifikati lil Agius u ghalhekk certament kien hu li kien jiehu hsieb ighaddihom lin-nies li huwa kien jaf setghu johorgu dawn ic-certifikati.

Fil-fatt id-difiza tikkontendi illi ma giex ippruvat ness bejn ic-certifikati foloz u l-imputat. Illi bir-rispett kollu dana mhuwiex minnu, kif gie sottolinjat iktar 'il fuq. Ma hemmx dubbju illi l-imputat kien jaf illi c-certifikati li kellu f'idejh kienu foloz. Dana jixhdu Bartolomeo Agius meta ighid illi hwua kien ighaddi il-log book u il-flus lill-imputat li imbaghad kien igiblu ic-certifikat tal-VRT falz, certifikat illi l-imputat kien konsapevoli li kien jinhareg meta il-vettura ma tkunx itellghet ghat-test. Hanwhekk allura tirrizulta il-komplicita'. Certament illi dawn ic-certifikati ma setghux wasslu wahedhom ghand l-imputat! L-intenzjoni unika jew l-hekk imsejjha *common design* bejn l-awtur u l-komplici fil-kummissjoni ta' dana ir-reat kien illi jinhargu certifikati tal-VRT minghajr lanqas biss jitellghu il-vetturi rispettivi ghal dana it-test. Illi fid-dottrina Ingliza wiehed isib it-teorija ta'l-hekk imsejjha "presumptions of fact". Kif ighid il-Cross: ***"These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact. It is not obliged to draw them as a matter of law even if there is no further evidence." (Cross - "On Evidence")*** Dina id-dottrina ghalhekk tqum fejn ***"l-fatti ippruvati ikunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment***

***twassal ghal prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti." (Il-Pulizija vs Brian Tonna – App.Krim 26/04/2007)***

Illi l-Qorti mill-fatti kif esposti mill-prosekuzzjoni hija moralment konvinta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat kien komplici fil-kummissjoni ta' dana ir-reat tal-falsifikazzjoni u dana ghar-ragunijeit hawn fuq migjuba.

Illi ghar-rigward tar-reat tal-falsifikazzjoni, imbaghad, il-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubblici u skritturi privati. Illi l-akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat jikkontemplaw diversi reati ta' falsifikazzjoni u cioe' dawk ikkontemplati fl-artikoli 183, 185, 187 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi anke meta wiehed ihares lejn l-akkuzi jirrizulta illi l-imputat huwa akkuzat kemm bl-hekk imsejjah falz materjali kif ukoll bil-falz ideologiku u cioe' ta' komplicita fl-istess. Illi certament dawna inghataw kollha bhala akkuzi alternattivi u dana peress illi kull disposizzjoni tal-ligi tikkontempla kuncett legali separat ta' modalita' kif jigi kommess il-falz. Kif gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna fosthom f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Galea" deciza 17 October 1997:

***"Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara Antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829***). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin ***"non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero"***. Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta'

fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …"

Illi il-fatti ta' dana il-kaz jagqhu taht ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali u cioe' 'l hekk imsejjah falz ideologiku. Dana peress illi c-certifikat tal-VRT ghalkemm att awtentiku fih innifsu, madanakollu huwa dikjarazzjoni falza jew jaghti taghrif falz. Ghaldaqstant l-imputat jista' jinstab hati illi irrenda ruhu komplici fir-reat ikkontemplat fl-ahhar akkuza migjuba fil-konfront tieghu u cioe' fir-reat ta'l-hekk imsejjah falz ideologiku. Illi l-akkuzi l-ohra kollha inghataw bhala kapi alternattivi u ghalhekk l-imputat sejjer jigi liberat mill-istess.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa ta'l-imputat u ghalhekk fic-cirkostanzi ta' dana il-kaz tqies illi piena karcerarja effettiva ma hijiex idonja u ghalhekk ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 42(d), 43 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqat illi tillibera lill-imputat mill-ewwel tlett akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, peress illi dawn gew moghtija bhala kapi alternattivi, izda issibu hati ta'l-ahhar akkuza u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija, li ghar-ragunijiet hawn fuq migjuba u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina is-sentenza

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------